MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2005

Numru 253/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DENISE MULA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**VS**

**NAJIH REBIH SADAT KANAN**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kotnra Najid Rebih Sadat Kanan, ta' 29 sena, ta' nazzjonalita' Gordaniza, iben Rbhi u Mona, imwieled Zarqa, nhar is-6 ta' Ottubru, 1975 u detentur tal-passport Gordaniz bin-numru 1245519

U takkuzah talli f'Dicembru, 2004, f'dawn il-Gzejjer, bhala persuna li tnehha minn Malta taht ordni ta' tnehhija jew ordni ta' deportazzjoni, naqas illi jiddikjara esperessament

bil-miktub lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni din ic-cirkostanza qabel ma nizel l-art jew inghata permess biex jinzel l-art u jibqa' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 24 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, ikkommetta reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija ghall-sentejn sospizi ghal erba' snin, moghtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Maigstrati (Malta), mill-Magistrat Dr Lawrence Quintano LL.D., datata 24 ta' Settembru, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Wara li rat l-Artikolu 24 tal-Kap 217 u l-Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet l-ammissjoni bikrija tal-imputat;

Wara li din l-ammissjoni regghet giet ikkonfermata, wara li inghata z-zmien lill-imputat skond il-Ligi;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-istess imputat hati, u tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur, u tordna li l-perjodu ta' prigunerija ta' sentejn (2), li tieghu kien gie kkundannat l-istess imputat fl-24 ta' Settembru, 2004 tigi operattiva mil-lum *ai termini* tal-Artikolu 28B tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------